# Il-Ħadd 14.09.2014

1. Il-Ħadd 21/09 huwa Jum il-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa: Il-ġabra tal-quddies tmur għal dan l-iskop.

Għandna diversi avviżi marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:

2. Dawk il-ġenituri li jixtieqm jiktbu lil uliedhom għad-duttrina għall-ewwel darba, għandhom jieħdu magħhom iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali tal-knisja fejn irċevew il-Magħmudija uliedhom.

3. Il-Quddiesa tal-Bidu, li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal, ser issir nhar it-Tnejn 29/09 fis-6:30pm.

4. Infakkar li l-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **Subien:** | *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (inkluż s-Sibt u Ħadd) barra l-Erbgħa<br>bejn is-7:00pm u t-8:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:00pm u s-5:45pm |
| | *Yr 2, Yr 6, u Fm2*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-6:00pm u s-6:45pm |
| | *Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*: | It-Tlieta u l-Ġimgħa<br>bejn il-5:45pm u s-6:30pm. |

Importanti li ma ninpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ, f'dawn il-ħinijiet.

5. Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li mill-envelopes li nġabru b'risq il-festa esterna ta' San Pawl intlaħqet is-somma ta' € 6,700. Grazzi lil kull min ta sehmu.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
- € 349 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja;
- € 382 mill-ħarġa ta' Għawdex.
- € 100 bħala donazzjonijiet għar-restawr ta' San Pawl. Grazzi.